# LEĦEN IL-PARROĊĊA

## TA' SAN ĠILJAN

*NGĦARFU, INĦOBBU, NIDĦLU FIL-PARROĊĊA TAGĦNA*

Nru. 5 April, 1965

## IL-KELMA TAL-KAPPILLAN

Kif diġà smajtu minn band'oħra, il-Papa kull nhar ta' Ħadd matul ir-Randan qed imur iqaddes f'xi waħda mill-Parroċċi ta' Ruma. Dan qiegħed jagħmlu biex jurina kemm hu għall-qalbu r-riforma li saret fil-liturġija. Din ir-riforma kulħadd jifhimha u jħossha għax saret proprju biex nifhmu u nħossu iżjed is-sehem tagħna fl-assistenza tas-Sagrifiċċju tal-quddiesa. B'danakollu meħtieġ li KULĦADD jieħu sehem fil-quddiesa. Minkejja t-tagħlim li ġie mogħti, ħafna nies għadhom ma ħasbux għall-ktieb iż-żgħir li fih it-talb tal-quddiesa. Oħrajn jinsewh warajhom bħallikieku ma kenux jafu li sejrin il-knisja għall-quddiesa. Oħrajn iġibuh magħhom imma jirrispondu minn taħt l-ilsien qishom leħenhom xi djamant prezzjuż li tibża' turih fil-beraħ. Insomma għad ma nistgħux insiru nixbħu lill-barranin f'dak li hu tajjeb. Nammirawhom għall-imġieba tagħhom fil-knejjes u ma nġibux ruħna bħalhom. Ngħiru għalihom għall-kant u serjetà tagħhom u mhemmx li nimitawhom! S'intendi biex nagħmlu progress irridu nissagrifikaw ruħna, per eżempju, inkunu fil-ħin għall-quddies, inqumu bil-wieqfa jew noqogħdu għarkobbtejna (bla ma nagħmlu ħoss ta' terremot) kull meta hemm bżonn, nersqu għat-tqarbin, bid-devozzjoni u mingħajr għaġġla, b'għajnejna baxxi lejn l-art, ma noħorġux mill-knisja qabel ma s-saċerdot iħalli l-artal u ħwejjeġ oħra bħal dawn.

Imma dan kollu ma nafx għax għandi nsejjaħlu "sagrifiċċju" għax ma rridux xi sforz kbir biex nagħmluh. Nista' u jixraq li nsejjaħlu "imġieba tajba ta' kull nisrani." "Qatt mhu tard biex titgħallem." jgħid il-qawl, iżda nistgħu ngħidu wkoll "wasal il-waqt li nitgħallmu aħna wkoll." Kull m'hemm bżonn hi ftit rieda tajba.

Tkunu mberkin.

IL-KAPPILLAN.

## X'SER IKOLLNA F'APRIL

3 ta' April: Isiru l-Ordinazzjonijiet. Nitolbu għal dawk iż-żgħażagħ li l-lum jiżżejnu bis-sbuħija tas-saċerdozju u jieħdu fuq spallejhom il-piż tiegħu.

4 ta' April: Pellegrinaġġ bil-mixi għas-Santwarju tal-Mellieħa. Niltaqgħu fl-4.00 a.m. ħdejn il-knisja.

9 ta' April: Id-Duluri. Filgħaxija fil-5.30 p.m. korteo mill-knisja bil-vara tad-Duluri. Wara quddiesa letta.

11 ta' April: Ħadd il-Palm. Fis-7.30 a.m. funzjoni tat-tberik tal-palm ħdejn il-knisja l-ġdida; purċissjoni għall-knisja parrokkjali fejn fit-8.00 a.m. toħroġ il-quddiesa kantata bil-Passju. Fit-3.00 p.m. Via Sagra fit-toroq. Nitilqu mill-knisja.

15 ta' April: Ħamis ix-Xirka. Filgħodu ma jkunx hemm quddies, iżda jkun hemm il-qrar. Aħsbu biex tqerru filgħodu għax filgħaxija is-saċerdoti jkunu okkupati bil-funzjoni.

Fl-4.00 p.m. Quddiesa letta. Fil-5.30 p.m. Konċelebrazzjoni. Tifkira ta' l-aħħar Ċena ta' Sidna Ġesù Kristu. Wara l-funzjoni jibdew il-Viżti tas-Sepulkru.

Fl-10.00 p.m. Ora Santa bil-priedka minn Dun Frank Attard.

16 ta' April: Il-Ġimgħa l-Kbira. Tifkira tal-mewt ta' Sidna Ġesu' Kristu. Fis-2.00 p.m. priedka mill-Can. Dun Mikiel Saliba. Fit-3.00 p.m. Azzjoni Liturġika li fiha ssir l-Adorazzjoni tas-Salib u wara t-tqarbin.

17 ta' April: Sibt il-Għid: Fl-10.00 p.m. funzjoni tat-tberik tan-nar, tal-Blandun u tal-ilma tal-magħmudija. F'nofs il-lejl Konċelebrazzjoni.

18 ta' April: L-Għid il-Kbir: Fit-8.00 a.m. quddiesa kantata.

Matul dawn il-funzjonijiet kollha jieħdu sehem fil-kant il-Pueri Cantores u s-St. Julian's Choir.

**Ġranet ta' Sawm f'April:** 2, 9, 16, 17

**Iż-żmien tal-Preċett** jiftaħ fit-28 ta' Marzu u jibqa' sejjer sal-31 ta' Ġunju. F'dan iż-żmien nistgħu nibdlu l-bulettini.

## INTENZJONIJIET TAL-PAPA GĦAL APRIL

i) sabiex il-fidili japprezzaw sewwa s-sehem importanti li qegħdin jagħtu l-Istituti Reliġjużi lill-ħajja tal-Knisja fil-ħidma apostolika tagħhom.

ii) sabiex il-kleru lokali Afrikan jiġbed bil-kelma u bl-eżempju, il-poplu tiegħu dejjem aktar lejn Kristu.

## FTIT STORJA .....

### Nru. 4 — "Il-Palazz ta' Spinola"

Fis-seklu sbatax ir-raħal żgħir ta' San Ġiljan ġie mżejjen bil-bini tal-Palazz ta' Spinola, maħdum fuq stil ta' arkitettura imsejjaħ "barokk."

Franġisku Napuljun Spinola, minn Roccaforte, Markiż ta' l-Imqaddes Imperu Ruman, kellu bosta artijiet kbar f'Malta, l-aktar f'San Ġiljan u f'San Ġorġ.

Fl-1688, il-markiż Spinola waqqaf Abbazija u taha bosta mill-artijiet li kellu f'Malta. Bħala l-ewwel Abbati u Kuratur ħatar lil ħuh, Fra Pawlu Rafel Spinola, Gran Prijur tal-Lombardija li kien ta għajnuna kbira lill-Ordni ta' San Ġwann, kemm fuq l-art kif ukoll fuq il-baħar.

Mir-renta tal-artijiet, Fra Pawl Rafel, bena l-bajja ta' San Ġiljan, il-knisja tal-Abbazija dedikata lill-Kunċizzjoni ta' Marija Verġni, il-Palazz u l-ġonna ta' madwaru li jħarsu lejn in-naħa ta' Nofsinhar tal-bajja, il-kennijiet bl-arkati tal-ġebel mibnija f'għamla ta' koppla fuq ix-xatt faċċata tal-Palazz, il-kennijiet bl-arkati u bl-kmamar minn wara fuq in-naħa tat-tramuntana qrib il-knisja tal-Kunċizzjoni.

Il-Palazz ta' Spinola huwa biċċa xogħol sabiħa ta' arkitettura kif jixhduh il-korazzi minquxin fil-ġebel u mwaħħla fil-faċċata. Barra dawn il-korazzi, hemm il-wiċċ ta' arloġġ Ruman li għadu sħiħ, kif jidher. Kien darba arloġġ tad-daqq ta' siwi kbir. Il-parti ta' fuq tat-torri fejn hemm dan l-arloġġ donna tidher li ġiet imtajjra.

J. S.

*Aqta' din it-talba sabieħa, poġġieha fil-ktieb tal-knisja u għidha kuljum.*

### TALBA LIL SAN FRANĠISK D'ASSISI

Mulej agħmilni strument tal-paċi Tiegħek:
fejn hemm il-mibgħeda ħallini nżra' l-imħabba,
fejn hemm il-ħtija — il-maħfra,
fejn hemm id-dubju — il-fidi,
fejn hemm id-disperazzjoni — it-tama,
fejn hemm id-dlam — id-dawl,
fejn hemm in-niket — il-ferħ.

O Mgħallem Divin, ħallini nfittex
li nfarraġ aktar milli nkun imfarraġ,
li nifhem aktar milli nkun mifhum,
li nħobb aktar milli nkun maħbub.

Għaliex
meta nagħtu, inkunu qed nirċievu,
meta naħfru, inkunu qed naqilgħu il-maħfra,
u meta mmutu, inkunu qed nitwieldu għall-ħajja ta' dejjem.
Amen.

Nihil obstat
Die 11 Febrairii 1965
Art. Can Bonnici
Cens. Theol.

## INGAWDU L-FUNZJONIJIET TAL-ĠIMGĦA L-KBIRA:

F'dawn il-ġranet ta' devozzjoni, li jfakkruna fi ġrajjiet mill-isbaħ li għandhom x'jaqsmu mal-Fidwa tagħna infittxu li nassistu għall-funzjonijiet li jsiru filknisja.

## IL-VIŻTI TAS-SEPULKRU

Hija drawwa sabiħa tagħna l-Maltin li ħadd ma jħalli barra l-viżti. Dawn għandhom isiru f'Ħamis ix-Xirka filgħaxija sa nofs il-lejl. F'jum il-Ġimgħa l-Kbira m'għandux ikun hemm adorazzjoni ewkaristika pubblika (għalkemm jistgħu isiru wkoll il-viżti privatament) biex jinżamm l-aspett ta' niket f'dan il-jum tal-mewt ta' Ġesu'.

## MULEJ, AGĦTIHOM IL-MISTRIEĦ TA' DEJJEM

26. - 2. - 65. Katerina Mifsud (82 sena) ta' 97, Lapsi Street.

3. - 3. - 65. Walter Carabott (70 sena) ta' 16, B'Kara Road.

5. - 3. - 65. Katerina Vella Zarb (82 sena) ta' 80, St. George's Road.

## NIFIRĦU LILL-MIŻŻEWĠIN ĠODDA

26. - 2. - 65. Joseph Fava ma' Carmela Mifsud it-tnejn minn San Ġiljan.

27. - 2. - 65. Patrick Joseph Cooney minn Dublin, Ireland, ma' Salvina Grixti minn San Ġiljan.

28. - 2. - 65. Joseph Cini minn Ħaż-Żebbuġ ma' Doris Attard minn San Ġiljan.

## L-IDEAT TAGĦKOM — MINGĦAJR RIKLAMI

Tinnotaw li f'din il-ħarġa ta' "Leħen il-Parroċċa" ma ssibux riklami. Din kienet mill-bidu x-xewqa tagħna, imma billi ridna assolutament li dan il-foljett jitqassam b'xejn u billi ma rridux ngħabbu lill-parroċċa bi spejjeż oħra barra minn dawk li diġà għandha, allura kellna bilfors nirrikorru għar-reklami. Issa żewġ parruċċani tagħna offrewlna l-ispejjeż ta' ħarġa kull wieħed, u għalhekk nistgħu għal darbtejn noħorġuh mingħajr riklami. Jekk ikun hemm xi oħrajn li jkunu lesti joffrulna huma wkoll l-ispejjeż ta' ħarġa (£2 10s), aħna bis-saħħa tagħhom inkunu nistgħu nagħtu forma isbaħ lill-foljett tagħna. Nittama li jkun hemm oħrajn li jifhmu l-bżonn ta' dan il-ġurnalin, speċjalment f'parroċċa mxerrda bħal tagħna, u li jgħinuha biex dejjem intejbuh.

L-EDITUR.

"Empire Press"